# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 1**

**Citazzjoni numru 222/96 MCH**

**Charles Azzopardi**

**v.**

**P.S. 201 Sandro Magro u P.C. Frank Sciberras**
**fil-kapacita` personali taghhom**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni tal-attur li ressaq fit-23 ta' Jannar 1996 fejn jippremetti hekk:

> "Premess illi bejn id-19 u l-20 ta' Settembru 1995 l-attur kien qieghed fl-inhawi maghrufa bhala Qui-si-Sana, Sliema bil-vettura tieghu;
>
> "Premess illi f'mument minnhom l-attur ra zewg persuni li kienu pajzana jaghmlulu s-sinjal biex jieqaf, wiehed minnhom b'pistola f'idejh;
>
> "Premess illi l-attur kif ra hekk ipprova jevita li jieqaf, ghax sa dak il-hin ma kienx jaf min kienu dawn iz-zewg persuni;

"Premess illi fil-waqt tal-manuvra biex jevitahom, xi hadd minn dawn il-persuni spara tir ta' pistola lejn l-attur;

"Premess illi l-attur gie milqut mill-balla b'mod li gie ferut serjament u anke kien fil-perikolu li jitlef hajtu;

"Premess illi wara indagini irrizulta li dawn iz-zewg persuni kienu tnejn fil-Korp tal-Pulizija, wiehed P.S. 201 Sandro Magro u l-iehor P.C. Frank Sciberras;

"Premess illi meta gie sparat dan it-tir ta' pistola, l-ufficjali nvoluti agixxew b'abbuz u negligenza u b'nuqqas ta' osservanza ta' dawk ir-regoli u dettami ta' prattika li jippermettu ufficjal tal-Pulizija jaghmel uzu minn pistola f'dawn ic-cirkostanzi;

"Premess illi b'konsegwenza tal-feriti li sofra l-attur, illum dan huwa effett minn dizabbilita` permanenti u ghalhekk sofra, qieghed isofri u ghad irid isofri d-danni;

"Premess illi ghalhekk jehtieg li jigu likwidati d-danni u l-konvenuti jew min minnhom jigu hekk kundannati li jhallsu dawn id-danni lill-attur;

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi m'ghandhiex:

"1. Tiddikjarahom jew min minnhom li fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Settembru 1995 meta l-attur gie milqut minn balla ta' pistola huma agixxew b'abbuz, negligenza u b'nuqqas ta' osservanza ta' dawk ir-regoli u dettami ta' prattika li jippermettu li arma tigi sparata f'dawn ic-cirkostanzi;

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, b'konsegwenza tal-akkadut fuq imsemmi; u

"3. Tikkundannhom jew min minnhom, ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-20 ta' Novembru 1995 u bil-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut P.S. Sandro Magro li giet pprezentata fit-22 ta' Frar, 1996, li in forza taghha gie eccepit hekk:

> "1. Illi preliminarjament tinhtieg korrezzjoni fl-atti billi l-esponenti kunjomu Magro u mhux Mangion;
>
> "2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-permess it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti billi l-esponenti agixxa in konformita mad-dettami ta' kif ghandu jagixxi Pulizija f'cirkostanzi simili;
>
> "Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' P.C. Frank Sciberras li wkoll kienetipprezentata fit-22 ta' Frar, 1996, li fiha jinghad hekk:

> "1. Illi preliminarjament tinhtieg korrezzjoni fl-atti billi l-konvenut l-iehor kunjomu Magro u mhux Mangion;
>
> "2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-permess it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti billi l-esponenti agixxa in konformita mad-dettami ta' kif ghandu jagixxi Pulizija f'cirkostanzi simili;
>
> "Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' Gunju, 2012, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet ta' Sandro Magro u ma sabitux responsabbli anqas f'parti fl-incident mertu tal-kawza, cahdet l-eccezzjonijiet ta' Frank Sciberras, laqghet l-ewwel talba attrici u iddikjarat lill-konvenut Frank Sciberras responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fl-ispartura fil-lejl bejn id-19 u 20 ta' Settembru 1995; laqghet it-tieni u tielet talbiet attrici u ikkundannat lil Frank Sciberras ihallas lill-attur is-somma likwidata in linea ta' danni sofferti mill-attur, ta' tlieta u tletin elf tmien mija u tmienja u sebghin euro

(€33,878), b'dan illi l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza u l-ispejjez jithallsu minn Frank Sciberras.

Dik il-Qorti tat din is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**Fatti**

"Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza li hi wahda ghas-sejbien ta' responsabbilta ex delicto fil-konfront tal-konvenuti huma s-segwenti:

"L-attur jixhed kien isuq vettura Ford hamra fil-lejl bejn id-19 u 20 ta' Settembru 1995 gewwa Qui Si Sana tas-Sliema. Hu jixhed li kien sejjer id-dar wara li kien hareg u mar f'xi bars. Ghadda minn Triq Qui Si Sana biex imur lejn id-dar tieghu gewwa 14, Johnny Catania Street, Msida l-hin kien xi nofs il-lejl. Kien isuq bil-mod hafna lejn nofs it-triq. Hin minnhom sehhet sparatura fejn l-attur intlaqat f'siequ u saq sakemm wasal quddiem il-Lady Di Pub xi metri 'l boghod u waqaf ghall-ghajnuna. Skond l-attur meta kien ghadu fi Triq Qui Si Sana u wasal hdejn il-Piper Club ftit lura mill-inkrocju fuq il-lemin ma' Triq Hughes Hallett, hu lemah karozza wieqfa fuq il-genb tat-triq u zewg persuni barra minnha, wiehed izomm pistola f'idejh ixejjirha lejh biex jieqaf. Hu ma dehrlux li kellu jieqaf ghax ma jafx min kienu dawn il-persuni billi kienu pajzana u beza' minn xi hold up u ghalhekk kompla jsuq. Mis-side mirror tal-lemin lemah ir-ragel bil-pistola jippontaha lejh u sema' tir u xi haga diehla fih b'ugiegh kbir. Kiser ghalhekk minn Triq Hughes Hallett fuq il-lemin u saq sakemm wasal fil-kantuniera 'l fuq fl-istess triq fejn il-Lady Di Pub biex jitlob l-ghajnuna.

"Skond il-konvenuti pero l-verzjoni ghandha xejra differenti. Huma kienu qeghdin jaghmlu r-ronda fl-inhawi ta' San Giljan u tas-Sliema assenjati mil-anti drug squad u huma u gejjin mid-direzzjoni tax-Xatt tas-Sliema u kissru fuq il-lemin fi Triq Qui Si Sana, lemhu l-vettura tal-attur miexja bil-mod hafna quddiemhom u tixxengel f'nofs it-triq. Huma kienu f'vettura bla indikazzjoni li hi wahda tal-pulizija u huma wkoll kienu liebsa pajzana. Huma jixhdu li l-aspett ta' din il-vettura b'dak is-sewqan deher suspettuz pero l-attur ghamlilhom sinjal biex jaqbzuh u huma u jaqbzuh dan ghadda kumment offensiv mit-tieqa tieghu. Huma ghalhekk kisru ghal quddiemu b'mod li imblokkawlu t-triq. P. S. Sandro Magro kien riekeb fis-seat tal-passigier filwaqt li P.C. (illum P.S.) Frank Sciberras kien isuq. P.S. Magro hareg mill-vettura dar minn warajha b'mod li gie faccata tal-vettura tal-attur u filwaqt li identifika ruhu bl-identity card tal-pulizija wissih biex jibqa' wieqaf. Madankollu l-attur flok baqa' wieqaf saq il-vettura ftit 'l quddiem b'mod li P.S. Magro ingibed

lura u waqa' mal-art u l-attur irriversja u saq 'l quddiem f'salt fid-direzzjoni ta' P.C. Sciberras li f'dak il-hin kien lahaq hareg mill-vettura tieghu u kien il-barra fit-triq bil-pistola f'idu ppuntata lejn l-art. Billi rah riesaq lejh, P.C. Sciberras spara tir lejn it-tyre tal-lemin ta' quddiem tal-vettura tal-attur biex jipprova jwaqqfu pero deherlu li ma laqathiex ghax il-vettura tal-attur baqghet issuq billi kisret ghal Triq Hughes Hallett minghajr ma laqtet lil P.C. Sciberras. P.S. Magro ma gralu xejn meta waqa' mal-art u ghalhekk cemplu l-control room biex javzaw bl-incident u saqu fid-direzzjoni ta' Triq Hughes Hallett fejn sabu lill-attur mal-art imdawwar min nies li hargu mill-Lady Di Pub. Kienu gia cemplu ghal ambulanza u ghalhekk regghu cemplu l-control room biex javzawhom li l-attur kien instab. Wara gew il-pulizija u firduhom biex jiehdu statement.

"Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina l-konsegwenzi legali li johorgu mill-fatti tajjeb pero li tifli sew il-verzjonijiet tal-partijiet biex tara liema wahda hi l-aktar kredibbli verosimili w attendibbli fic-cirkostanzi. Il-principju regolatur jibqa' illi min jallega irid jipprova u l-piz tal-prova tispetta lill-attur li jipprova dak li qed jallega fuq bazi ta' bilanc ta' probabiltajiet. Meta pero, bhal f'dan il-kaz, il-Qorti tigi rinfaccata b'zewg verzjonijiet kontrastanti li waslu ghall-istess fatt li fuqu hemm qbil (cioe l-isparatura u d-dannu fiziku) allura dawn il-principji iridu jigu applikati mhux fl-astratt izda b'referenza ghal dawk ic-cirkostanzi ta' fatt li huma inkonfutabbli u li minnhom jista' jigi konkluz liema verzjoni tikkombacja l-aktar ma' dawn il-fatti. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Angelo Vella vs Paul Mompalao** (App Inf 16.09.2004):

> "huwa pacifikament akkolt illi f'materja ta' konflittwalita` l-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".

"Kif ukoll ziedet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza **Middlesea Insurance plc vs Joseph Galea et** (20.01.2003) "jinkombi fuq il-Qorti li tipprova tikkostruwixxi d-dinamika tal-incident b'kull element ta' prova a disposizzjoni taghha".

"Il-Qorti tqis il-verzjoni tal-isparatura kif deskritta mill-attur ftit improbabbli. Hu jiddeskrivi zewg persuni lebsin pajzana fuq il-lemin tat-triq hdejn karozza wieqfa wiehed minnhom ixejjer pistola b'indikazzjoni biex jieqaf u hu u ghaddej, ghax beza' jieqaf, ra lil dak bil-pistola f'idu mis-side mirror jispara tir lejh. Ghalkemm il-hin kien nofs il-lejl pero kien ghadu Settembru fejn ikun ghad hemm xi nies barra u t-triq cioe Triq Qui Si Sana fil-bidu taghha fejn sehh l-incident mhix triq fid-dizabitat izda triq pubblika fic-centru ta' tas-Sliema. Inoltre mill-ezami ballistiku jirrizulta illi l-balla dahlet fil-bieba tal-lemin minn quddiem lura u mhux bil-kontra kif wiehed ghandu jifhem kieku kif xehed l-attur hu lemah lil wiehed mill-konvenuti jisparalu wara li rah mis-side mirror, indikazzjoni

li kien qabez il-persuni u mhux riesaq lejhom kif jindika d-direzzjoni tat-tir sparat. L-espert ballistiku Guido Agius izid illi mehud in konsiderazzjoni d-distanza, l-ispeed tal-vettura, l-entry hole tal-bullet u fatturi ohra, kien hemm biss ftit piedi boghod bejn il-persuna li sparat u l-vettura li lejh gie sparat it-tir. Ma hemmx raguni li tista' titqies plawsibbli ghalfejn il-konvenuti kellhom ikunu fi triq principali 'in plain view' ixejjru pistola lejn min jinzerta jkun ghaddej mit-triq fil-karozza.

"Invece l-verzjoni tal-konvenuti tal-isparatura hi aktar verosimili ghalkemm il-Qorti mhix konvinta mill-verzjoni tal-konvenuti quddiem il-Qorti tar-raguni ghaliex twaqqaf l-attur. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-attur kien isuq bil-mod fi Triq Qui Si Sana u ghamel sinjal biex il-vettura ta' warajh taqbzu, liema vettura ma kellhiex indikazzjoni li hi wahda tal-pulizija u l-konvenuti kienu lebsin pajzana. Huma fil-fatt bdew is-sorpass u sa dak il-hin ma jidhirx li kellhom intenzjoni jwaqqfuh tant li P.C. 853 fix-xiehda tieghu quddiem il-perit legali mqabbad mill-Magistrat Inkwirenti jixhed illi meta waslu bieba ma' bieba mal-vettura tal-attur, l-attur qallu kelma offensiva li seta' jismaghha kjarament u ghalhekk fi kliemu stess 'tfajt quddiemu ghax dehrli li kellu jtini spjegazzjoni ghaliex indirizzani hekk'. Hareg is-Surgent Magro mill-bieba tal-passiggier u mar lejn il-vettura tal-attur b'ID f'idejh u qallu biex jieqaf ghax kien pulizija. Pero l-attur ma baqax wieqaf izda irriversja ghal ftit distanza biex ikollu l-ispazju u qala' l-barra u saq il-quddiem fejn sab li kien hemm P.C. Sciberras fuq il-lemin tieghu hdejn il-kantuniera b'pistola f'idejh li giet sparata fid-direzzjoni tieghu bil-konsegwenzi kwazi tragici u sfortunati li sehhew cioe l-bullet dahlet mill-bieba tad-driver f'gholi ta' xi 80 centimetru mill-art u laqtitu f'koxtu u baqghet tiela' lejn il-fwied wara li ghamlitlu hsara anki fl-imsaren. Dan kollu sehh fi ftit sekondi. L-attur baqa' jsuq minn Triq Hughes Hallett sakemm waqaf quddiem il-Lady Di Pub jitlob l-ghajnuna. Ftit wara waslu wkoll il-konvenuti li segwewh fid-direzzjoni li kien saq. Iz-zewg konvenuti ma gratilhom ebda hsara fl-incident ghalkemm is-Surgent Magro waqa' bil-hasda meta l-attur irriversja f'salt.

"Jirrizulta wkoll bhala fatt mill-Inkjesta Magisterjali illi ma nstab xejn suspettuz jew illegali fil-karozza tal-attur u anqas fid-dintorni ta' Hughes Hallett Street fejn saret tfittxija ghax forsi l-attur kien rema xi haga inkriminanti hu u jsuq qabel ma waqaf hdejn il-pub.

"Dawn huma l-fatti li l-Qorti jidhrilha li ghandha timxi fuqhom fid-determinazzjoni tar-responsabbilta o meno talkonvenuti f'dan l-incident.

"**Ligi**

"**Artikolu 351 Kodici Kriminali: Setgħa ta' twaqqif u perkwizizzjoni**

"Jinghad qabel xejn li dan l-artikolu ma kienx ezistenti fi zmien l-incident u ma kien hemm xejn simili ghalih fil-Kodici Kriminali. Ghalhekk li ser jinghad hu biss in linea ta' principji generali in materja.

"L-artikolu 351 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

> "(1) Ufficjal tal-Pulizija jista', f'post pubbliku jew f'post accessibbli għall-pubbliku ukoll bi ħlas, jipperkwizixxi kull persuna jew vettura, jekk ikollu suspett ragonevoli li l-perkwizizzjoni tista' tikxef il-pussess ta' affarijiet li huma projbiti, misruqa jew akkwistati permezz ta' reat ikun liema jkun, jew li jistgħu jigu wzati jew li setgħu gew uzati biex isir xi reat.
>
> "(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), il-Pulizija tista' twaqqaf persuna jew vettura sakemm issir il-perkwizizzjoni, u għandha taqbad kull oggett misjub waqt il-perkwizizzjoni u li l-pussess tiegħu jkun projbit jew li jista' jkollu x'jaqsam ma' xi reat.
>
> "(3) Konformement ma', u għall-finijiet ta', il-Konvenzjoni tad-19 ta' Gunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Gunju 1985, reat taħt dan l-artikolu għandu jitqies bħala reat ukoll meta dan isir x'imkien ieħor mhux f'Malta".

"Il-pulizija kwindi ghandha l-jedd li twaqqaf u tfittex persuna jew vettura jekk ikun hemm <u>suspett ragonevoli</u> li ser jinstabu oggetti pprojbiti, misruqa jew akkwistati b'reat jew uzati f'reati jew li jistghu jservu fl-investigazzjoni ta' reat.

"F'dan il-kaz irrizulta illi l-pulizija kienu parti mill-anti drug squad taht l-Ispettur Paul Debattista u awtorizzati li fix-xoghol ta' bil-lejl ikunu armati skond istruzzjonijiet tal-korp tal-pulizija (ara xiehda Spettur Paul Debattista fl-Inkjesta Magisterjali a fol. 358 tal-process).

"Maghdud dan din il-Qorti ssib illi l-waqfien tal-vettura tal-attur f'dawk ic-cirkostanzi cioe ghax kien isuq bil-mod u meta ghaddew ghadda kelma offensiva ma tikkwalifikax ruhha f'ebda wahda mir-ragunijiet msemmija fl-artikolu 351 tal-Kodici Civili ghaliex kien jonqos is-suspett ragonevoli. Persuna ssuq bil-mod hafna anki jekk lejn nofs it-triq mhix oggettivament indikattiva ta' pussess ta' oggetti projbiti, misruqa jew akkwistati b'reat jew uzati f'reati jew li ser iservu f'investigazzjoni ta' reat. Il-poter tal-pulizija akkordat mill-imsemmi artikolu hu ittemprat bil-kundizzjonijiet rigidi li fihom jista' jintuza. Kull kaz ghandu l-fatti specifici tieghu u d-determinazzjoni ta' suspett ragonevoli jemana hafna drabi mill-komportament ta' min jitwaqqaf biex issir it-tfittxija. Pero mhux kull komportament li ma jaqax f'agir ta' normalita jaghti poter awtomatiku lil pulizija li jwaqqfu sewwieq u jinvestigaw, iktar u iktar meta l-imsemmija pulizija u vettura li jkunu jsuqu ma jkollhom ebda indikazzjoni tal-identita taghhom u l-waqfien isir ghal gharrieda kif sehh f'dan il-kaz. Hu minnu illi l-attur seta' ghadda kelma offensiva pero din kienet taghti lok ghal kontravvenzjoni li ma taqax fil-poter tat-twaqqif u tfittxija taht dan l-artikolu.

"Il-Qorti hi konsapevoli illi t-talbiet ghad-danni mressqa mill-attur mhux imsejsa fuq il-fatt li waqfuh forsi bla suspett ragonevoli izda ghal

konsegwenzi li sehhew wara li waqfuh, senjatament id-dannu fiziku permanenti li sofra l-attur kagun tal-isparatura li sehhet.

"**Uzu ta' forza fil-prevenzjoni ta' reati**

"Bla dubju hu necessarju f'socjeta demokratika li l-pubbliku jkun protett minn nuqqasijiet ta' persuni ohra, altrimenti tirrenja l-anarkija. Ghal dan il-ghan il-korp tal-pulizija, apparti entitajiet ohra bhall-armata, huma vestiti mill-ligi biex jissalvagwardaw il-ligijiet tal-pajjiz u jipprotegu l-benessere tac-cittadin u kull min ikun fit-territorju li fuqu l-istess korp ghandha gurisdizzjoni. Fost il-poteri tal-pulizija biex jilhqu dan il-ghan, uhud mill-pulizija assenjati f'mansjonijiet specifici, generalment dawk ta' natura perikoluza ghandhom il-fakulta tal-pussess u uzu f'certi cirkostanzi partikolari ta' armi tan-nar.

"Jinghad qabel xejn illi l-konvenuti kienu awtorizzati jkollhom armi minhabba d-doveri perikoluzi in konnessjoni mal-anti drug squad u illi ma kien hemm ebda kodici ta' prattika fuq l-uzu tal-armi meta sehh l-incident. Dan il-Kodici nhareg xi xhur wara b'konsegwenza tal-incident in kwistjoni. Dan jinsab inkluz mar-rapport tal-Inkjesta Interna Dok. MS1. Jirrizulta wkoll li dak li spara t-tir mill-pistola kien P.C. Sciberras u l-pistola kellha sitt bullets li minnha giet sparata wahda li kienet dik li feriet lill-attur. Mix-xiehda jirrizulta wkoll illi P.C. Sciberras inghata training fuq l-armi fi tlett okkazzjonijiet bejn Ottubru u Novembru 1991. L-incident sehh erba' snin wara.

"Il-ligi Maltija fil-Kapitolu 164 cioe Police Act jispecifika meta hu legittimu l-uzu tal-forza u specjalment dak bl-uzu tal-armi. Dawn il-provvedimenti ddahhlu fl-2002 wara l-incident. L-artikolu 96 sa 99 jirregolaw din il-kwistjoni. Bazikament ighidu li l-uzu tal-forza hu l-ahhar rimedju meta ma hemmx ohra possibbli u f'cirkostanzi fejn l-uzu tal-armi hu inevitabbli biex tigi ippreservata l-hajja jew biex jigi evitat periklu imminenti ta' vjolenza mifruxa. Biex jigi determinat jekk l-uzu tal-forza hux ragonevoli dan l-ezercizzju irid isir b'referenza ghaz-zmien li ntuzat il-forza.

"L-artikolu 97 ighid illi "L-uzu tal-forza hu l-ahhar rimedju u ghandu biss jintuza ghaldaqstant zmien daqskemm ikun tassew mehtieg meta jkun evidenti li kull rimedju iehor ma kienx iservi".

"L-artikolu 96, 98, 99 u 100 tal-istess Kapitolu huma ta' relevanza anki ghal skopijiet ta' din il-vertenza mhux ghax ezistenti fi zmien l-incident izda ghal principji logici, etici, prattici u li ghandhom jidderigu lil pulizija fl-qadi ta' dmirijiethom.

"L-artikolu 96 jistabilixxi illi l-ufficjali tal-pulizija jistghu juzaw forza moderata u proporzjonata sabiex tigi osservata l-ligi. L-artikolu 98 imbaghad ighid li jekk tqum f'Qorti jew tribunal xi kwistjoni dwar kemm l-uzu tal-forza kien ragonevoli iridu jittiehdu c-cirkostanzi meta ntuzat il-forza bhala l-kriterju biex tigi stabbilita r-ragonevolezza. L-uzu specifiku

tal-armi imbaghad hu imsemmi fl-artikolu 99 li jistabilixxi li l-armi jintuzaw biss f'cirkostanzi eccezzjonali cioe meta l-uzu tal-armi isir inevitabbli biex tigi preservata l-hajja ta' ufficjal tal-pulizija u ohrajn jew jitbieghed xi periklu imminenti ta' vjolenza mifruxa.

"Dawn l-artikoli huma riflessi fl-artikolu 51 et seq tal-Kodici Penali Taljan u senjatament l-artikolu 53 fejn ighid "non è punibile il pubblico ufficiale che, al fini di adempiere un dovere del proprio ufficio, fa uso ovvero ordina di far uso delle armi o di un altro mezzo di coazione fisica, quando vi è costretto dalla necessita di respingere una violenza o di vincere una resistenza all'autorita".

"Skond il-guristi Taljani l-uzu tal-armi ghandu jsir taht dawn il-kondizzjonijiet cioe (1) adempiment ta' dover ta' ufficjal tal-pulizija waqt l-ezekuzzjoni ta' tali dover; (2) in-necessita cioe 'che va considerato sulla base del rapporto che si instaura fra necessita ed inevitabilita, per cui soluzione naturale è quella per la quale il pubblico ufficiale deve porre in essere la condotta che risulti meno dannosa e parimenti appaia utile al raggiungimento dello scopo; (3) il-proporzionalita tal-uzu legittimu tal-armi (ara **Marini Marini** (uso legittimo della armi Novissimo Digesto Italiano Vol XX 1975, SS259. 266 u Ardizzone (Gli elementi soggettivi nella struttura della scriminante Padova 1980 s.19).

"In kwantu ghall-uzu tal-armi meta persuna tkun qed tahrab, il-Qrati Taljani mhux dejjem kienu konkordi fuq il-legittimita tal-uzu tal-armi f'tali cirkostanzi. Il-guristi Taljani infatti jaghmlu distinzjoni bejn dak li tissejjah resistenza jew vjolenza attiva jew dik passiva kif inhu l-kaz ta' persuna li qed tahrab mill-pulizija. Hemm sentenzi li jghidu li ma hemm ebda distinzjoni fis-sustanza w anki l-uzu tal-armi f'kaz ta' vjolenza passiva hi permessa basta li r-reazzjoni cioe l-uzu tal-armi mil-pulizija hi proporzjonata ghal vjolenza passiva. Izda hemm diversi sentenzi ohra li jghidu li l-uzu tal-armi f'tali cirkostanzi fejn ma ghandekx il-kondizzjonijiet ta' necessita jew difiza bhala scriminanti ghall-uzu tal-forza, il-kriterju ghandu jkun li l-uzu tal-forza bl-armi mill-ufficjali tal-pulizija rinfaccat b'resistenza passiva ghandu jsehh biss jekk tkun qed tigi pperikulata l-inkolumita tal-ufficjali tal-pulizija jew terzi (ara artikolu flAltalex 9.7.2001 ta' Carlo Albert Zaina).

"L-artikolu 3 tal-Criminal Law Act Ingliz jispecifika illi "A person may use such force as is reasonable in the circumstances in the prevention of crime or in effecting or assisting in the lawful arrest of offenders or suspected offenders or of persons unlawfully at large". Biex jigi determinat jekk l-uzu tal-forza kienitx in piena regola wiehed irid jistaqsi jekk l-uzu tal-forza kienitx necessarja fic-cirkostanzi cioe (1) kienx hemm in-necessita ghal kwalsiasi uzu tal-forza u (2) jekk il-forza uzata kienitx ragonevoli fic-cirkostanzi.

"Il-Qrati Inglizi ndikaw li z-zewg kweziti ghandhom jinghataw twegiba fuq il-bazi tal-fatti kif il-persuna 'akkuzata' onestament emmnet li kienu (ara artikoli 1949). Sa dak il-punt it-test hu soggettiv pero hemm

element oggettiv ghal dak it-test u cioe jekk fuq il-bazi tal-fatti kif il-persuna onestament emmnet li kienu, 'the reasonable man' kienx jiddetermina li l-uzu tal-forza uzata bhala wiehed ragonevoli, jew eccessiv? Kif ighid l-awtur Archbold, att kunsidrat necessarju ma jfissirx li l-azzjoni rizultanti kienet ragonevoli. Hemm varji fatturi li jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni biex jigi determinat jekk l-azzjoni vjolenti kienitx ragonevoli, bhat-tip ta' theddida li kienet qed tigi promossa lejn l-istess persuna li uzat il-forza jew terzi, u t-trapass ta' zmien li kien hemm bejn it-theddida jew il-kredenza ta' theddida u l-forza wzata.

"Fil-United Nations Congress on the Prevention of Crime and Treatment of Offenders li trattat 'Basic Principles on the Use of Force and Firearms by Law Enforcement Officials' jinghad hekk fl-artikolu 4 tal-General Provisions:

> "In carrying out their duly, public officers shall as far as possible apply non violent means before resorting to force and firearms. They may use firearms only if other means remain ineffective or without any pressures of achieving the intended result".

Fl-artikolu 9 tal-Special Provisions jinghad:

> "Police officers shall not use firearms against persons except in self defence or in defence of others against the imminent threat of death or serious injury, to prevent the perpetration of a particular serious crime involving grave threat to life, to arrest a person presenting such a danger and resisting their authority or to prevent his order or his escape and only when less extreme means are insufficient to achieve these objectives", (sotolinear talQorti).

L-artikolu 10 imbaghad izid:

> "In the circumstances provided for under the above principle, police officers shall identify themselves as such and give a clear warning of their intent to use firearms, with sufficient time for the warning to be observed, unless to do so would unduly place the police officer at risk or would create a risk of death or serious harm to other persons, or would be clearly inappropriate or pointless in the circumstances of the incident".

"Dawn fost affarijiet ohra huma precetti nkluzi fl-istess Basic Principles fosthom il-htiega li l-pulizija ikollhom training adegwat fl-uzu tal-armi u c-cirkostanzi meta ghandhom jintuzaw, zewg aspetti mankanti fit-training tal-konvenut Sciberras.

"**Analogija ma' dan il-kaz**

"Hu minnu illi ma jidhirx li l-konvenuti kellhom training adegwat fl-armi jew parametri cari ta' regolament ezistenti fil-ligi jew mahruga mill-korp tal-pulizija dwar meta u kif ghandhom jintuzaw l-armi. Mhux dubitat li l-pussess tal-arma ghand il-konvenuti kien wiehed legittimu cioe bi dritt ghall-ezigenzi tas-servizz u biex jipprotegu kemm lilhom infushom u

aktar ghal protezzjoni tal-pubbliku u ghal prevenzzjoni ta' reati pero anki fl-assenza tar-regoli fil-ligi kriminali jew regolamenti tal-korp kif espressi aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-konvenuti xorta kellhom il-parametri tal-ligi civili, attenenti ghal dan il-kaz li jirregola l-agir taghhom, u a bazi ta' dawn ir-regoli tista' tinstab htija o meno ghall-hsara minnhom kommessa f'din il-vertenza. Dan kollu minghajr ma jitnehha l-importanza ta' dik li gia nghid bhala kejl hafna drabi dettat mir-raguni biss fl-uzu tal-armi. Il-konvenuti qed jorbtu d-difiza taghhom mal-uzu ta' jedd legittimu. Li jrid jigi stabbilit hu dak li jipprovdi l-artikolu 1030 tal-Kodici Civili cioe jekk l-'uzu tal-jedd' sarx 'fil-qies li jmiss'. Jekk hu hekk allura ma hemmx responsabbilta da parti tal-konvenuti. Dan l-artikolu irid jinqara flimkien mal-artikolu 1031 u 1032 tal-istess Kodici. L-artikolu 1031 jipprovdi illi jwiegeb ghal hsara kull wiehed li tigri bil-htija tieghu, filwaqt illi s-subartikolu 1 tal-artikolu 1032 jispjega illi jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Ma dan jizdied l-artikolu 1033 li jghid "kull min, bi hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew nuqqas ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi u obbligat ghal hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Dr. E. Fenech Adami et vs Carmel Bonello et** (App Civ 28.06.2002) b'referenza ghal dan l-artikolu "Ta` relevanza … huwa dak li jipprovdi ukoll l-artiklu 1033 ta` l-istess Kodici, tenut kont tal-fatt li hawn si tratta ta` hsara allegatament maghmula minn ufficjali tal-pulizija li d-dmir taghhom impost mil-ligi huwa, jew ghandu jkun, sinonimu ma' assigurazzjon li hsara tigi evitata u mhux ikkawzata".

"Ta' relevanza wkoll ghal dan il-kaz hu dak li qalet il-Qorti fil-kawza **Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et** (PA 3.10.2003) liema estratt qed jigi raportat verbatim:

> "Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali;
>
> "Jidhru, imbaghad, skond id-duttrina legali illi jezistu kriterji ohra li jaghmlu riferiment ghall-element tar-riskju. Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti tal-illecitu, huma rikonoxxuti u accettati wkoll aspetti ta' responsabilita` specjali in rigward ghall-evitabilita` tal-hsara.
>
> "Jinghad a propositu fid-decizjoni fl-ismijiet "**Annunziato D'Amato et – vs- Joseph Camilleri et**", Appell Civili, 3 ta' Marzu 1958 illi "meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, ir-responsabilita` ta' min ghamel dak l-att hija assoluta; u min irid jehles minn dik ir-responsabilita` hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz jew il-vis major".

“**Kunsiderazzjonijiet fuq il-fattispecie tal-kaz**

“Maghdud dan kollu in linea ta’ principji legali li ghandhom jirregolaw din il-vertenza, il-Qorti trid issa tara jekk il-konvenuti agixxewx fil-parametri tal-ligi biex jigu skolpati minn kull responsabbilta ghad-danni fizici u patrimonjali sofferti mill-attur.

“Il-Qorti gia esprimiet ruhha illi l-waqfien tal-vettura tal-attur ma rrizultax li kien necessitat minn xi hjiel ta’ reat kif stipulat fl-artikolu 351 tal-Kodici Kriminali u dan irrizulta mix-xiehda ta’ P.C. Sciberras kif gia ravvizat aktar ‘l fuq fejn xehed fl-Inkjesta Magisterjali li waqqfuh ghax l-attur kien ghaddielhom rimarka offensiva huma u jaqbzuh. Waqt dawn il-proceduri P.C. Sciberras pprova jitfa’ importanza fuq is-sewqan bil-mod u erratiku tal-attur bhala sfumatura tas-suspett tal-‘illecitu’ fi kliemu stess ‘shady’ li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma tirrizultax b’mod sodisfacenti. Tant hu hekk illi ma nstab xejn illecitu la fil-vettura tal-attur wara l-incident u lanqas wara tfittxija fid-dintorni. Fl-affidavit tieghu f’dawn il-proceduri hu jzid li l-attur kien wettaq kontravvenzjoni ghax ghadda kelma offensiva u dehrilhom mill-mod ta’ sewqan li setghu jiccekjawh.

“Din il-Qorti tqis iz-zewg argumenti bhala fallaci peress illi l-kontravvenzjoni anki jekk kommessa qua insult pero f’dak il-hin zgur li l-attur ma kienx jaf li qed jindirizza ufficjal tal-pulizija billi dawn kienu pajzana, f’karozza bla marki tal-pulizija u ma saret ebda indikazzjoni minnhom sa dak il-hin li kienu pulizija. Inoltre l-kliem ‘dehrilhom li setghu waqqfuh’ huma privi minn fondament fil-ligi ghax sa dak il-mument, l-attur ma agixxiex fil-parametri li jrid l-artikolu 351 tal-Kodici Kriminali li l-konvenuti kellhom ikunu konsapevoli tieghu, billi sa dak il-mument kien biss is-sewqan bil-mod l-uniku indikazzjoni li kellhom il-pulizija, liema azzjoni tal-attur zgur li ma jaqghax taht xi reat jew suspett kif irid l-artikolu 351 tal-Kodici Kriminali.

“Anki s-Surgent Magro li xehed f’dawn il-proceduri jaghti biss bhala spjegazzjoni ghal waqfien tal-vettura tal-attur il-fatt li kien miexi b’xi 25 kilometru fis-siegha ghal nofs it-triq b’mod li kien qed jostakola l-vettura tissorpassa. Dan kollu f’perjodu ta’ circa nofs minuta. Pero jirrizulta li fil-fatt spazju jissorpassaw kellhom ghax fil-fatt l-incident beda huma u qed jissorpassawh bla xkiel.

“Dan kien l-ewwel nuqqas tal-konvenuti. Meta imbaghad wiehed jifli x’sehh wara jirrizulta minghajr ombra ta’ dubbju illi s-Surgent Magro ma kellu ebda sehem fil-isparatura tant li lanqas ra lil P.C. Sciberras jispara billi kien quddiemu cioe dahru lejh u waqa’ mal-art meta l-attur saq il-vettura biex jitlaq minn fuq il-post. Inoltre lanqas jirrizulta li s-Surgent Magro kellu arma f’idejh fl-ebda hin.

“Ghalhekk din il-Qorti trid tevaluwa l-agir tal-konvenut Frank Sciberras u dan b’referenza ghal dak li tghid il-ligi. L-attur gie konfrontat b’vettura li mblokkatlu t-triq quddiemu, ghalkemm hu dan ma jammetihx. Hareg

persuna pajzan mill-vettura bla marki u filwaqt li hareg dokument mill-but beda riesaq lejh minn quddiem il-vettura tieghu lejn il-bieba tad-driver. Hu beza u fix-xiehda jissemma li kien gia ghadda minn esperjenza simili u harab minn fuq il-post u mar l-ghassa fejn gie segwit mill-persuni li riedu jwaqqfuh u li wara rrizulta li kienu pulizija. Ghalhekk sgicca biex jahrab minn fuq il-post. P.C. Sciberras sa dan il-hin kien ‘l quddiem mnejn kien isehh dan pero gia kellu l-pistola f’idejh u kien pozizzjonat fuq il-lemin tat-triq. L-attur saq fid-direzzjoni li kien qieghed P.C. Sciberras essendo dak iz-zmien Triq Qui Si Sana f’dik il-parti kienet one way. P.C. Sciberras meta ra din ix-xena quddiemu fejn l-attur kien jidher li qed jahrab fil-karozza minn fuq il-post minghajr sa dak il-mument ma kien sehh xejn aktar hlief li P.S. Magro kien waqa’ mal-art, ha d-decizjoni li jispara. Hi din l-azzjoni f’dawk ic-cirkostanzi l-qofol tal-kwistjoni. L-uzu ta’ tali forza f’dik ic-cirkostanza kienet necessarja? U jekk kienet necessarja kienet ragonevoli? Dawn il-kwiziti rridu jsibu risposta mhux fl-ghemil per se izda fl-imgieba li jwassal ghal dak l-ghemil, u dan skond id-dettami tar-responsabbilta aquiliana.

“Wara li qieset il-fatti kollha din il-Qorti tqis li l-imgieba tal-konvenut P.C. Sciberras kien nieqes sew minn dak li trid il-ligi u l-kawtela li ghandu jkollu persuna armata anke jekk bi dritt, bhala gustifikazzjoni u kwindi nuqqas ta’ sejbien ta’ responsabbilta fl-agir tieghu. Ma jidhirx li l-konvenut Sciberras qatt kien f’pozizzjoni li hajtu jew hajjet terzi kienet qed tigi mheddha. L-iktar li seta jinghad kien li l-attur kien qed jahrab minn fuq il-lok wara li twaqqaf. Pero hawn ukoll P.C. Sciberras messu kellu quddiem ghajnejh il-fatt li l-attur twaqqaf minghajr ma kellu indikazzjoni min kienu l-konvenuti u l-istess konvenuti ma kellha ebda suspett fondat li jiggustifika it-twaqqif tal-vettura tal-attur f’dawk ic-cirkostanzi. Inoltre billi kollox sehh f’salt, P.C. Sciberras ma kellu ebda garanzija li l-attur fehem lil P.S. Magro meta dan kien qed javvicinah u jghidlu li kien pulizija. Wara kollox ma kien hemm xejn jidher li fil-fatt P.S. Magro jew P.C. Sciberras kienu pulizija, u anqas kien hemm hin bizzejjed biex l-attur jaccerta ruhu minn dan il-fatt.

“Ghalkemm l-attur saq fid-direzzjoni ta’ P.C. Sciberras pero ma rrizultax li saq ghal fuq P.C. Sciberras tant li hareg car li l-intenzjoni tal-attur kienet li jikser ghal Triq Hughes Hallett. P.C. Sciberras ha decizjoni li jispara. Jekk kienitx intiza bhala warning shot jew biex iwaqqaf il-vettura ma jirrizultax car ghalkemm l-intenzjoni ta’ P.C. Sciberras jidher li kienet li jispara lejn it-tyre ta’ quddiem tan-naha tad-driver. Hawn ukoll il-Qorti tirravviza nuqqas serju da parti tal-konvenut Sciberras. Hu kien nieqes minn training ta’ uzu ta’ armi u li tispara fuq vettura semplicement ghax din telqet minn fuq il-lok fejn twaqqfet bla ebda gustifikazzjoni ulterjuri ghal tali uzu tal-arma hi ghal kollox nieqsa minn kull bilanc bejn l-azzjoni u r-reazzjoni ghaliha. Il-konvenut Sciberras seta’ kieku ried spara tir fl-arja bhala warning shot u jekk l-attur ma jieqafx isuqu warajh u javzaw il-control room tal-Headquarters ghall-ghajnuna pero li tispara fuq vettura ghaddejja minn hdejh konxju tar-riskju pero b’nuqqas ta’ hsieb ghal konsegwenzi hu ghal kollox nieqes mir-raguni f’dan il-kaz. Ebda azzjoni tal-attur hlief li telaq minn fuq il-

post f'cirkustanzi fejn lanqas kien car jekk fehemx li min waqfu f'dak il-hin tal-lejl kienx pulizija ma qatt setghet twassal biex tezimi lill-konvenut Sciberras mill-konsegwenzi sfortunati izda kwazi tragici tal-ghemil tieghu. L-uzu tal-forza ghalkemm dritt tal-pulizija pero irid jintuza fil-parametri stretti tal-ligi u b'rispett lejn il-hajja u l-inkolumita tal-bniedem u tintuza biss f'cirkostanzi fejn ma hemmx mezz iehor biex tissalvagwardja dawn id-drittijiet. Kif inghad f'dan il-kaz ma kien hemm ebda fattur li innecessitat l-uzu ta' arma direttament fid-direzzjoni ta' persuna ohra avolja l-intenzjoni ma kienitx wahda malinna, u inoltre r-reazzjoni ta' P.C. Sciberras li jispara direttament lejn id-direzzjoni tal-attur meta l-azzjoni tal-harba ma kienitx wahda li setghet tipperikola lilu jew lil terzi zgur ma tistax titqies proporzjonata ghat-theddida li seta' hass fil-konfront tieghu.

"Il-Qorti ghalhekk issib illi l-konvenut Sciberras hu responsabbli ghall-incident in kwistjoni fejn konsegwenza tieghu l-attur, minghajr ebda kontributorjeta da parti tieghu, sofra danni partimonjali u fizici. Jista' jkun li f'cirkostanzi ohra n-nuqqasijiet ta' P.C. Sciberras setghu jigu wkoll akkollati in parti lil min ihaddmu minhabba n-nuqqas ta' training adegwat kemm prattiku u teoretiku kemm fl-uzu tal-armi u fic-cirkostanzi li fihom hu lecitu li jintuzaw, pero f'dan il-kaz huma biss il-konvenuti l-legittimi kontradditturi minghajr ma qatt saret it-talba li jiddahhlu terzi biex jirrispondu ghal xi nuqqasijiet li setghu kienu responsabbli ghalihom fil-konfront tal-istess konvenuti.

"**Danni**

"L-attur ma gab ebda prova ta' danni wara li din il-Qorti ghamlet digriet appozitu fis-26 ta' April 2011 b'terminu ghal prezentata tal-prospett ta' danni u saru rapporti tad-debilita permanenti sofferti mill-attur minn esperti medici nominati mill-Qorti.

"Hu minnu illi l-attur ipprezenta prospett tad-danni b'nota fit-30 ta' April 2012 flimkien ma' nota ta' osservazzjonijiet wara li kienu nghalqu l-provi u l-Qorti wara oppozizzjoni tal-konvenut Sciberras sfilzat dan il-prospett.

"Madankollu ghalkemm fl-atti ma jirrizulta ebda prova ta' damnum emergens, jirrizulta li jezistu provi relatati mal-lucrum cessans mix-xhieda tal-Maggur Alfred Attard li fis-seduta quddiem il-perit legali tal-11 ta' Marzu 1998 (fol 590 tal-process) iddikjara li kien responsabbli mir-records tas-suldati fosthom l-attur u li fi zmien l-incident cioe fl-1995 l-attur kellu paga ta' Lm3,102 fis-sena u Lm120 allowance fis-sena. Fi zmien li dam l-isptar pero tilef allowance ghal trade pay ta' Lm24.22 u telf ta' qliegh extra ghal weekend duty ta' Lm115.90. Zied li fl-1996 il-paga tal-attur zdiedet ghal Lm3,276 fis-sena u l-allowance saret Lm120.

"L-attur twieled fl-1964 (I.D. 511164M) u ghalhekk fi zmien l-incident kellu 31 sena.

"Rigward id-dizabilita permanenti li qed isofri l-attur il-Qorti hi rinfaccjata b'zewg rapporti ta' esperti medici nominati mill-Qorti intizi fil-linja specjalizzata taghhom. Mr Dennis Gatt ghamel rapport datat 17 ta' Awwissu 2011 (fol. 498 tal-process) fejn wasal ghal konkluzzjoni li mill-griehi li sofra fil-parti addominali tieghu l-attur kien qed ibati minn dizabilita ta' 5%. In kwantu ghal griehi fil-koxxa leminija l-espert mediku Mr. Kevin Cassar filwaqt li wasal ghal konkluzzjoni li l-attur ghandu 22% reduced blood flow to the right lower limb kawzat mill-incident fost kondizzjonijiet ohra msemmija fl-istess rapport datat 13 ta' Ottubru 2009 (fol. 500 tal-process) naqas milli jikkwantifika dan in-nuqqas fl-attur f'percentagg ta' dizabilita permanenti. Dan irrizulta car mill-eskussjoni li saritlu u li ma gietx indirizzata mill-attur b'xi talba ghal kjarifika.

"F'dan l-istadju l-Qorti dehrilha li mhux lecitu li jerga' jissejjah Mr Cassar u jaghti aktar informazzjoni jew elucidazzjoni meta l-attur ma ressaq ebda talba jew prova a rigward. Madankollu l-Qorti tqis illi s-sejbiet medici ta' Mr. Cassar iwasslu ghal debilita permanenti ghalkemm dan mhux specifikat f'percentagg.

"Il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ghandha f'sens ta' gustizzja tuza d-diskrezzjoni taghha biex tizen dak li qal Mr. Cassar u tkun hi li tikkwantifika arbitro u boni viri percentagg ta' dizabilita referribbilment ghal dak li hemm fir-rapport ta' Mr. Cassar tenut kont ukoll li fil-konsiderazzjoni taghha l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni d-dizabilita li sab Mr. Gatt u tuza l-formula wkoll diskrezzjonali tal-weighted average biex twassal lil Qorti ghal percentagg wiehed globali ta' dizabilita permanenti.

"Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Mario Camilleri vs Mario Borg et noe**

> "Il-gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli terga' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel ... Huwa ingust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali w ingust ta' haddiehor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm jista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u induzzjoni."

"Wara li l-Qorti hasbet dwar dan jidhrilha li l-percentagg ta' dizabilita permanenti globali li qed isofri minnha l-attur din ghandha tkun ta' 12%. Ghalhekk din il-Qorti tista' tghaddi biex tikkwantifika d-danni ghal lucrum cessans.

"In kwantu ghal qliegh din il-Qorti ser tuza bhala paga medja l-paga u allowances tal-attur fl-1995 li huma ta' Lm3,102 + Lm120 + Lm157.86 trade pay fis-sena (dan il-Qorti ghamlitu billi ikkwantifikat dak li qal ix-xhud Maggur Alfred Attard rigward din it-trade pay) + Lm180 ta' duty filweekend darba fix-xahar bir-rata medja ta' Lm15 kull darba, b'kollox ghalhekk Lm3,559. Dan l-ammont qed jigi arrotondit ghal Lm4,000

> (€9,320) tenut kont ta' zidiet fil-paga tul iz-zmien u meqjus li l-attur kellu biss 31 sena meta sehh l-incident.
>
> "Il-multiplier li ser jintuza hu ta' 30 sena billi ma hemm xejn x'jindika li l-attur mhux ser ighix u jahdem sal-eta pensjonabbli.
>
> "Ghalhekk il-lucrum cessans ghandu jinhadem hekk:
>
> "€9,320 x 30 sena x 12% = €33,552
>
> "Il-Qorti tqis li ma ghandu jsir ebda tnaqqis ghal lump sum payment billi l-kawza ilha ghaddejja l-fuq minn 16-il sena.
>
> "Mas-somma ta' €33,552 irid jizdied it-telf ta' allowances u weekend duty ta' €326 b'kollox €33,878."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut, P.C. Frank Sciberras li, ghar-ragunijiet hemm imsemmija minnu, talab illi din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tad-19 ta' Gunju, 2012, u filwaqt li tichad it-talbiet tal-attur appellat, tilqa' l-eccezzjonijiet imressqa minnu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta tal-attur appellat li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnu msemmija, sostna li din il-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Gunju, 2012, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Rat li ma sar ebda appell in kwantu l-ewwel Qorti illiberat lill-konvenut l-iehor, PS Sandro Magro, u ghalhekk f'dan il-kaz, dik il-parti tas-sentenza ghaddiet in gudikat.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-avukati tal-partijiet dehru quddiem il-Qorti u ttrattaw l-appell;

Ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti.

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza jirrizultaw zewg verzjonijiet kuntrastanti dwar dak li wassal ghall-incident in ezami. L-attur jikkontendi illi waqt li kien ghaddej bil-karozza mit-triq ta' Qui-Si-Sana, sab lill-konvenuti weqfin fil-genb tat-triq u filwaqt li wiehed minnhom kellu pistola f'idejh, ghamlulu sinjal sabiex iwaqqaf il-karozza fil-genb tat-triq. L-attur jishaq li l-konvenuti ma kenux lebsin ta' pulizija u lanqas ma kien hemm xejn x'jindika li dawn effettivament kienu pulizija u ghalhekk huwa beza' mill-intenzjoni li kellhom dawn l-irgiel, bil-konsegwenza li huwa harab minn fuq il-post bil-karozza u waqt li kien ghaddej wiehed mill-konvenuti sparalu tir ta' pistola. Ghalkemm huwa baqa' ghaddej ghal ftit metri tul it-Triq Hughes Hallett, waqaf quddiem *bar* jitlob ghall-ghajnuna peress li

kien ferut. Konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur wegga' gravement u meta gie rikoverat l-isptar, kien sahansitra certifikat li kien fil-perikolu tal-mewt. Wara li sarlu intervent kirurgiku fejn tnehhiet il-balla, huwa jikkontendi li rizultat ta' dan l-incident huwa baqa' jsofri minn dizabilita` permanenti li ghaliha jahtu unikament il-konvenuti jew min minnhom.

Il-konvenuti da parti taghhom jaghtu verzjoni totalment kontrastanti meta jiddeskrivu s-sekwenza tal-affarijiet li wasslu ghall-incident in ezami. Il-versjoni taz-zewg konvenuti hija fis-sens li huma kienu qeghdin jaghmlu r-ronda ta' *patrol* taghhom bhala membri pajzana tad-*drug squad* f'Tas-Sliema meta lemhu karozza li qanqlitilhom suspett, peress li kienet qeghda ssuq bil-mod lejn in-nofs tat-triq, u meta l-attur ghamlilhom sinjal biex jaqbzuh, qalghu din il-karozza. Waqt li ghamlu din il-manuvra, huma jikkontendu li l-attur ghaddielhom kumment dispreggjattiv u ghalhekk hadu d-decizjoni li jwaqqfu lill-attur, biex jitolbu spjegazzjoni ghal dak il-kliem li lissen u fl-istess waqt jiccekkjawh ukoll. Kien hawn li, permezz tal-vettura taghhom, imblukkaw it-triq lill-attur u filwaqt li l-konvenut Magro nizel mill-karozza u ordna lill-attur li jieqaf u indika li kienu membri tal-forza tal-Pulizija permezz tal-karta tal-identita` tal-pulizija, l-attur irriversja bis-sahha, ghaqqad ir-roti u qala' jigri bis-sahha biex isuq 'l quddiem. Filwaqt li s-surgent Magro nhasad u nqeleb mal-art, il-konvenut l-iehor Sciberras, li sadanittant lahaq nizel mill-karozza, jghid li ra lill-attur gej isuq ghall-fuqu bil-karozza u kien hawn li iddecieda li johrog l-arma tas-servizz u spara tir li hu jghid kien intenzjonat li jolqot

ir-rota ta' quddiem tan-naha tax-xufier sabiex iwaqqfu u jevita li jolqtu bil-karozza.

Il-konvenut Sciberras jghid li lanqas induna li kien laqat lill-attur peress li dan tal-ahhar baqa' ghaddej u kiser ghat-Triq Hughes Hallet, u huwa mar jara jekk intlaqatx il-kollega tieghu, s-surgent Magro. Meta ra li dan tal-ahhar kien kollox sew, ikkomunika mal-*control room* tal-pulizija sabiex jinfurmahom bl-akkadut u jitlob l-assitenza sabiex l-attur jigi mwaqqaf. Il-konvenuti iddecidew imorru wara l-attur u wara ftit sabu l-karozza tal-attur bil-bieba miftuha, u lill-attur b'ferita fil-koxxa. Talbu l-assistenza ta' ambulanza. Huwa jixhed li kien hawn li ntebah li ma kienx laqat it-*tyre* tal-karozza izda li t-tir kien ghadda mill-bieba tax-xufier u laqat lill-attur.

Wara li l-attur ittiehed l-isptar, il-konvenuti kienu mifrudin u ttiehdu l-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex tittiehdilhom stqarrija. Il-konvenut Sciberras jishaq li huwa kien mehlus kemm mill-inkjesta magisterjali, kif ukoll f'dik mahtura mill-Prim'Ministru taht l-Att dwar l-Inkjesti (Kapitolu 273 tal-Ligijiet ta' Malta) u li baqa' jahdem fil-Korp tal-Pulizija. Sahansitra, wara dan l-incident, applika u lahaq Surgent. Jghid ukoll li ghalkemm ilu snin shah fis-servizz, dan kien l-uniku episodju fil-karriera tieghu li uza arma tan-nar u li kieku l-attur ikkopera mal-istruzzjonijiet li nghatawlu, u ma wettaqx il-manuvri perikoluzi li ghamel, dan l-incident ma kienx isehh u huwa ma kienx ikollu ghalfejn juza l-arma.

In tema legali, dwar konflitt ta' verzjonijiet, fil-kaz **Emanuel Ciantar v. David Curmi noe,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 2003, u **i**kkonfermata minn din il-Qorti, fid-19 ta' Gunju 2006, kien precizat:-

> "*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*
>
> *Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319);*"

Hekk ukoll, kif kellha okkazjoni il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tafferma fis-sentenza taghha tat-28 ta' April 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Giordimaina Medici v. Rizzo**:

> *"….il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, meta din il-Qorti tqis l-assjem tal-provi, bhal dik ta' qabilha ssib li l-versjoni tal-konvenuti hija aktar verosimili minn dik tal-attur. Dan qieghed jinghad mhux biss ghall-

fatt li l-verzjoni tal-konvenuti tul id-diversi proceduri baqghet konsistenti, izda qieghed jinghad ukoll minhabba l-fatt li diversi nies li joqghodu fl-inhawi jghidu li semghu t-twerziq tar-roti kif jghidu l-konvenuti. Inoltre, hemm nuqqas ta' konsistenza fil-versjoni tal-attur meta l-ewwel fl-affidavit jghid li ra lill-konvenut jispara mill-mera tal-genb, li jimplika li t-tir kien gej minn warajh, mentri sussegwentement in kontro-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2011, xehed li dan rah mill-genb tat-tieqa. Wara kollox, mir-relazzjoni tal-espert ballistiku, s-surgent Guido Agius, jirrizulta li t-toqba fil-bieba tal-karozza, minn fejn ghaddiet il-balla, id-direzzjoni kienet minn quddiem tal-karozza ghal wara, angolata minn barra ghal gewwa.

Madankollu din il-Qorti tadotta wkoll fis-shih il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti, in tema legali, dwar l-uzu tal-forza minn membri tal-korp tal-pulizija fil-prevenzjoni ta' reati, u meta applikathom ghall-kaz in ezami, irriskontrat nuqqas fl-agir tal-konvenut Sciberras.

L-ewwel aggravju tal-konvenut Sciberras huwa msejjes fuq l-ilment illi l-ewwel Qorti naqset milli tezamina fil-fond id-dinamika tal-incident, peress li l-appellant isostni li qatt ma messu nstab responsabbli ghall-akkadut. L-appellant jishaq li filwaqt li l-ewwel Qorti emmnet il-verzjoni tal-konvenuti, hija ghaddiet biex tezamina r-raguni l-ghala twaqqfet il-karozza tal-attur, li fil-fehma tal-appellant kienet irrelevanti ghall-fini tad-

decizjoni tar-rasponsabbilita` ghall-akkadut. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument. Il-fatt li l-konvenuti waqqfu lill-attur meta kienu pajzana u ma kienux jidhru li kienu pulizija, huwa importanti ghal dak li sehh wara, ghax nisslu fl-attur biza' li qed jigi aggredit minn persuni b'intenzjoni hazina. Il-fatt li l-pulizija jghid li wera l-I.D. card lill-attur certament fic-cirkostanzi ma kienx sufficjenti biex jirriassikura lill-attur li verament kien qieghed jittratta ma' ufficjali tal-pulizija u b'hekk tnehhilu l-biza' li s-sitwazzjoni iggenerat fih. Din il-Qorti taqbel ma' dak kostatat mill-ewwel Qorti, u ghall-konkluzjonijiet milhuqa minnha, ghas-semplici raguni li wiehed ma jistax jara l-isparatura u r-rizultat ta' dannu wahdu in izolament, minghajr ma jara s-sekwenza tal-affarijiet li graw li wasslu ghall-incident mertu tal-kawza.

L-appellant jislet diversi siltiet mis-sentenza appellata fejn jittanta jargumenta l-ghala huwa ma jaqbilx mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti. Izda kif inghad qabel, dan huwa strettament materja ta' apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, li din il-Qorti qajla tiddisturba sakemm mhux ghal xi raguni gravi, li f'dan il-kaz certament ma tirrizultax.

Ovvjament, "*Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw*

*il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*." **Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014. Minn ezami mwettaq minn din il-Qorti ta' revizjoni, ghandu jinghad li ma ssib xejn x'ticcensura minn dak l-ezercizzju akkurat mwettaq minn dik ta' qabilha. Inoltre din il-Qorti tishaq li fil-fehma taghha wkoll jirrizulta nuqqas ta' bilanc bejn l-azzjoni tal-attur u r-reazzjoni tal-konvenut Sciberras, li fic-cirkostanzi tal-kaz huwa ritenut eccessiv. Il-konvenut seta', li kieku ried, jew kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, jispara tir fl-ajru bhala *warning shot,* jew billi jaqbez minn nofs, jew inkella jitlob l-assistenza mill-*control room* sabiex jinqabad l-attur, kif fil-fatt ghamel wara l-akkadut. Ghalkemm il-konvenut kien armat minhabba l-qadi tad-dover tieghu, l-istess arma kienet fdata lilu sabiex tintuza bl-ghaqal mehtieg u f'emergenza, kif mistenni minn kull ufficcjal tal-pulizija. L-uzu tal-arma fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, hija ritenuta sproporzjonata ghall-akkadut kif jirrizulta mill-provi. Pulizija ma jistax jispara lejn cittadin bl-iskuza li kien mahsud, ghax ghandu jkun mghallem li jzomm kontroll tas-sensi tieghu u li ma juzax arma tan-nar jekk mhux f'kaz serju hafna u meta l-hajja tieghu tkun tinsab f'periklu li tintilef.

Meta wiehed jara c-cirkostanzi tal-kaz kif rizultanti mix-xhieda tal-istess konvenut, din il-Qorti ssib li meta l-konvenut spara tabilhaqq ma kienx qieghed jezercita jedd bil-qies li jmiss (ara l-Artikolu 1030 tal-Kodici

Civili). Izda bl-agir tal-konvenut, li jispara tir lejn il-karozza, aktar u aktar meta kien nieqes mill-esperjenza mehtiega fl-uzu tal-armi, ravvizat mill-istess fatt li huwa immira lejn ir-rota u laqat il-bieba tal-karozza, iwassal ghall-konkluzjoni li tassew il-konvenut m'ghamilx uzu mill-ghaqal, prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb ta' familja, hekk kif mistenni minn ufficjal tal-pulizija u kif wara kollox tiddetta l-ligi civili (ara l-Artikoli 1032 u 1033 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-fehma tal-Qorti, l-agir tieghu kien jirrizulta sahansitra negligenti. In-nuqqas fl-agir tal-konvenut appellant, hekk kif riskontrat ukoll minn din il-Qorti, iwassal ghall-konkluzjoni li l-konvenut Sciberras ghandu tabilhaqq iwiegeb ghad-danni rizultanti li sofra l-attur.

Jigi ribadit li l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi:

> "*Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b`nuqqas ta` diligenza, ta` prudenza jew ta` hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f`hekk*."

Huwa stabbilit fil-duttrina li l-elementi rikonoxxuti ta` azzjoni delittwali huma tlieta: *"(1) un fatto illecito (2) l`imputabilita` di questo fatto al suo autore (3) un danno cagionato da questo fatto".* (Baudrie-Lacantinerie: "Delle Obbligazioni" Vol. IV p.555). F'dan il-kaz, il-konvenut Sciberras kien pjuttost *trigger happy* meta, fuq l-inqas incident, spara fid-direzzjoni tal-attur. Il-pulizija ma ghandhomx jirrikorru ghall-uzu ta' arma tan-nar jekk dan ma jkunx senz' altru mehtieg, ghax fl-usu ta' arma hemm il-

perikolu car ta' hsara, kif gara f'dan il-kaz. Bl-uzu tal-arma, il-hajja tal-attur tpoggiet f'periklu car, u c-cirkostanzi tal-kaz, anke kif spjegati mill-konvenuti, ma jiggustifikawx dak l-uzu. L-uzu tal-arma, fic-cirkustanzi tal-kaz, kien illecitu ghax il-hajja tal-pulizija ma kenitx imqiegheda f'periklu. L-attur seta', kieku ma saretx l-isparatura, jahrab minn fuq il-post, pero`, din il-biza ma tiggustifikax l-uzu tal-arma tan-nar. Anke jekk il-karozza kienet qed tirriversja fid-direzzjoni tal-pulizija (ma tirrizultax li kienet qed tinstaq bi *speed* li setghet toqtolhom; it-twerziq tar-roti ma hijiex indikazzjoni ta' velocita` eccessiva), dawn tal-ahhar setghu jiehdu azzjoni ohra biex jevitaw li jintlaqtu, u mhux jisparaw mill-ewwel lejn cittadin.

Ghalhekk dan l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant ma jirrizultax li ghandu jintlaqa' minn din il-Qorti.

Trattat il-kap ta-rasponsabbilita`, jonqos li jigi ezaminat it-tieni aggravju tal-appellant, dak relatat mal-likwidazzjoni ta' danni, ritenuti minnu bhala eccessivi.

F'materja ta' likwidazzjoni ta' danni l-ligi taghna tipprovdi ghad-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil- fatt, l-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili, jipprovdi:

> "*il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha…..hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib*."

Filwaqt li s-subartikolu (2) jghid li:

> "*Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati hsara*."

L-appellant jilmenta li l-introjtu adoperat mill-ewwel Qorti ma giex ikkalkolat sew, jinkludi figuri li ma jirrizultawx, jew li kellhom jitqiesu bhala *damnum emergens* u ghaldaqstant separati mill-introjtu. L-appellant jishaq li l-Qorti kellha tadotta l-figura ta' Lm3,102 bhala s-salarju tal-attur, flimkien mal-allowance ta' Lm120 fis-sena ghal total ta' Lm3,222, ekwivalenti ghal €7,505.24. Huwa jikkontendi li l-ammonti ta' Lm24.22 *f'trade pay* u Lm60.96 u Lm54.94 *duty* tal-*weekends*, kellhom jitqiesu bhala *damnum emergens* u mhux *lucrum cessans.* Din il-Qorti fliet ix-xhieda tal-Maggur Alfred Attard moghtija quddiem il-perit legali, kif ukoll il-kalkoli adottati mill-ewwel Qorti li addotat dawn l-*allowances*, permezz ta' ezercizzju *pro rata* li wassal ghal total ta' Lm3,559, liema ammont gie arrontondit ghal Lm4,000, ekwivalenti ghal €9,320, sabiex jaghmel tajjeb ghal zidiet fil-paga tul iz-zmien, u tikkonkludi li ma ssib xejn hazin fl-ezercizzju jew fil-konsderazzjonijet maghmula mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

It-tieni punt maghmul mill-appellant fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni huwa dak relattiv ghall-*multiplier* adottat mill-ewwel Qorti, fejn l-ewwel Qorti wara li kkunsidrat li l-attur kellu 31 sena fiz-zmien meta sehh l-incident, adottat *multiplier* ta' 30 sena peress li ma kien hemm xejn x'jindika li l-attur mhux ser jghix u jahdem sal-eta pensjonabbli. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ssib li l-argument tal-appellant li kellu jigi adoperat *multiplier* izghar sabiex jaghmel tajjeb ghall-kuncett ta' *chances and changes of life*, ghandu mis-sewwa.

Dan qieghed jinghad fir-rigward tal-*multiplier* peress illi normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument tal-incident, izda l-*multiplier* irid jinkorpora go fih dak l-element ta' *chances and changes of life or vicissitudes of life*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Josephine-Carmen Cunningham et v. John Grech et,** deciza fl-14 ta' Jannar 2016). Fil-fatt dan il-kuncett gie definit hekk:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income."* ("The Law of Tort" - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)

Hekk ukoll inghatat is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-*multiplier:*

> *"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This*

*figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* (Peter Cane, "Atiyah's Accidents, Compensation and the Law" 6th Edit, 1999, pag.122).

F'sentenza recenti ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit et v. Duncan Galea et.** deciza fis-26 ta' Gunju, 2015, inghad illi:

"*Din il-Qorti jidrilha li wiehed mill-aktar pronunzjamenti ricenti taghha fir-rigward u cioe` dik fis-sentenza fl-ismijiet Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited (31 ta' Jannar 2014) ghandu jservi ta' gwida. F'dik is-sentenza l-Qorti qalet fost affarijiet ohra li:*

*"Dwar il-multiplier ta' 40 li uzat l-ewwel Qorti, meta tqis li l-attur kellu 23 sena meta wegga', u meta tqis ukoll li l-hajja lavorattiva qeghdha dejjem tizdied, izda, min-naha l-ohra, meta tikkonsidra l-element tac-"chances and changes in life", li minn dejjem gie kkonsidrat bhala parti integrali mill-komputazzjoni tal-hsara, izda li l-ewwel Qorti donnha ma qisietx, tara' li multiplier ta' 35 ikun wiehed aktar gust. Kif tghid l-awtrici Vivienne Harpwood fil-ktieb "Modern Tort Law"(ediz. 2009, pagna 438):*

*"Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystall ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future*."

*"Din il-Qorti, fil-kawza Gauci v. Bugeja, deciza fis-27 ta Novembru, 2009, ikkummentat li, fil-verita`, wiehed ma jistax jaghti previzjoni tal-hajja lavorattiva, u kien fid-dawl ta' dan li ddahhal fil-gurisprudenza l-fattur tac-"chances and changes of life". B'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri osservat illi: "il-kuncett ta' "the changes and chances of life", gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. … Tenut kont ta' dan isegwi li l-working life expectancy ma ghandux ikun ikkunsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-"multiplier".*

*"Hekk ukoll, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kaz Busuttil et v. Farrugia, deciza fl4 ta' Ottubru, 2011, ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward ta' guvni li kien se jaghlaq tmintax (18) –il sena.*

> *"Din il-Qorti tqis li ghalkemm hemm gurisprudenza fis-sens li l-multiplier ghandu jsir a bazi tal-eta` penzjonabbli pero` hemm gurisprudenza u din il-Qorti tqis li hi aktar gusta u ekwa li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni c-chances and changes of life li ma jfissrux necessarjament li persuna necessarjament ser tibqa' tahdem sal-eta` penzjonabbli specjalment meta din ic-cirkostanza fil-kaz partikolari kienet ghadha 'l boghod hafna."*

F'dan il-kaz ukoll ikun xieraq, illi konsidrat l-eta` tal-attur fil-mument tal-incident, ghandu jittiehed kont tal-incertezza ta' *chances and changes of life* u ghalkemm huwa kellu aspettativa ta' hajja lavorattiva ta' 30 sena, wiehed ghandu jqies l-incertezza li toffri l-hajja fir-rigward. Il-*multiplier* mhux massima ta' mizura ta' kalkolu awtomatiku u rigidu imma ghandu jippermetti temperament anke jekk marginali, fil-kaz fejn l-aspettativa hija fit-tul u l-incertezza ferm akbar. Il-*multiplier* ghandu jigi applikat sabiex ikun stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-parti leza u l-obbligu tal-obbligat. Mhux il-kaz li wiehed jadoperah bhal li kieku hemm xi certezza dwar ghexieren ta' snin futuri, ghax dan huwa kamp fejn ghandha tregi l-moderazzjoni.

Fic-cirkostanzi tal-kaz ghalhekk huwa meqjus li *multiplier* ta' 25 ikun aktar xieraq.

It-tielet punt imressaq mill-appellant huwa dak relatat mar-rata ta' dizabilita` permanenti sofferti mill-attur, fejn jikkontesta l-metodu adoperat, kif ukoll mal-percentagg moghti, fis-sentenza appellata. L-ewwel Qorti qieset li l-konsulent u kirurgu Mr. Dennis Gatt wasal ghall-konkluzjoni li l-attur sofra dizabilita` ta' 5% ghal dak li jirrigwarda l-griehi

addominali. Fil-kaz tac-cirkolazzjoni tad-demm fis-sieq il-leminija, il-Professur Kevin Cassar ikkonstata li din tnaqqset bi 22%, li in eskussjoni specifika li m'ghandhiex tigi ekwiparata ma' percentagg ta' dizabilita`, ghalkemm tali tnaqqis fic-cirkolazzjoni tad-demm huwa ta' natura permanenti. Madankollu kif ritenut mill-ewwel Qorti, l-attur ma ittanta li ssir ebda kjarifika sabiex jigi stabbilit percentagg. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti ghaddiet biex tadopera percentagg *arbitrio boni viri* fir-rigward ta' dak riskontrat minn dan l-ahhar espert u ghaddiet sabiex adottat *weighted average* ta' 12%.

Ghalkemm huwa minnu li ma giex stabbilit percentagg ghall-attur appellat f'dak li jirrigwarda l-griehi li sofra f'saqajh, min-naha l-ohra ma jistax jinghad li dak kostatat mill-espert mediku f'dan ir-rigward isarraf daqs li kieku l-attur m'ghandu ebda percentagg ta' dizabilita`; wara kollox l-istess espert mediku ikkonferma in eskussjoni li ghandu arterja mizduda b'mod permanenti. Din il-Qorti tifhem ukoll ir-ragunament tal-ewwel Qorti li irriteniet li taghmel gustizzja mal-vittma meta ippruvat terga' tpoggih fis-sitwazzzjoni li kien fiha qabel l-incident. Fil-fatt kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-14 ta' Mejju, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Edward Amato et v. Christopher Agius et**:

> *"In linea generali, huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni li "l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara" ("Tufigno vs Micallef noe", Qorti tal-Appell – Sede Civili - 23 ta' April 1965). Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga` jitqieghed ragonevolment fl-istat li kien qabel sofra l-hsara. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull*

> *konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz..."*

Il-gurisprudenza tghallem illi fejn il-persuna danneggjata jkollha diversi debilitajiet, huwa solitu illi l-Qorti tasal ghal *weighted average* fir-rigward tal-persentagg ta' dizabilita`. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Bartolo et v. George Zammit**, deciza fit-30 ta' April, 2001, fejn il-Qorti, f'kaz ta' diversi debilitajiet ferm iktar gravi, kienet konfrontata b'diversi percentaggi u hija ikkummentat hekk:

> "*Din id-diffikulta` gejja wkoll mill-fatt li:*
>
> *The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion: per Morris L.J. in Scott v Musial.*
>
> *…Fil-kaz M. Caruana vs G Camilleri PA JSP 5/10/93 il-Qorti titkellem dwar "weighted average" u rriferiet ukoll ghas-sentenza Butler vs Heard fejn intqal li "dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita' f'sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat*."

Dan il-principju ta' *weighted average* kien adoperat ukoll, per ezempju, fil-kawza deciza fil-5 ta' Ottubru, 2007, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Henry Ordway v. John Sutherland noe et**.

F'dan il-kaz, pero`, ma ghandniex zewg percentaggi ta' dizabilita`, ghax kif inghad, wiehed mill-esperti stqarr li l-percentagg ta' 22% li kien wasal ghaliha, ma kellhiex tirrifletti percentagg ta' dizabilita` permenanti. Din

il-Qorti, ghalhekk, wara li qieset dawn il-principji, kif ukoll ir-rapporti tal-esperti medici mahtura mill-Qorti, kif ukoll ix-xhieda moghtija minnhom in eskussjoni, tasal ghall-konkluzjoni li ghandu jigi mnaqqas il-percentagg ta' dizabilita` adottat mill-ewwel Qorti, sabiex minflok jigi adoperat percentagg ta' 10%.

F'dak li jirrigwarda l-ilment tal-appellant li kien l-istess attur appellat li ikkontribwixxa ghall-akkadut bl-agir tieghu, meta baqa' jsuq u li kien ghalhekk meqjus l-aggressur originali, din il-Qorti bhal ta' qabilha ma ssibx ebda kontributorjeta` da parti tal-attur appellat.

Ghalhekk it-tieni aggravju tal-appellant qieghed jintlaqa' limitatament sabiex issir revizjoni fil-komputazzjoni tad-danni likwidati f'dak li ghandu x'jaqsam mal-*lucrum cessans,* sabiex b'hekk ghandhom jinhadmu kif gej:

€9,320 x 25 sena x 10% = €23,300

Ma' dan l-ammont ta' €23,300, ghandhom jizdiedu €326 rapprezentanti *damnum emergens* rizultanti mill-provi konsistenti f'telf t'*allowances* li tilef l-attur skond ix-xhieda tal-Maggur Alfred Attard, bejn is-sena 1995 u 1996, sabiex b'hekk it-total ta' danni pagabbli lill-attur huma ta' €23,626.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut Frank Sciberras billi tilqghu in parte, kif ser jigi spjegat:

(1) Tikkonferma s-sentenza fejn laqghet it-talbiet attrici u sabet lill-konvenut Frank Sciberras responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fl-isparatura li sehhet fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Settembru, 1995;

(2) Tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn gew likwidati d-danni dovuti lill-attur fis-somma ta' tlieta u tletin elf tmien mija u tmienja u sebghin euro (€33,878), b'dan illi minflok tikkundanna lill-konvenut Sciberras, sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf sitt mija u tnejn u sittin euro (€23,626), u tikkonfermaha fil-bqija;

B'dan illi l-imghax jibda jiddekorri mid-19 ta' Gunju, 2012, data tal-ewwel sentenza.

L-ispejjez kollha tal-kawza kemm tal-prim'istanza, kif ukoll ta' dan l-appell, ghandhom jithallsu mill-konvenut Frank Sciberras.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df